

Brussell, 22 ta' April 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0202(COD)

8032/21
ADD 1

SOC 218
ECOFIN 358
FSTR 35
COMPET 268
FIN 305
CODEC 559
CADREFIN 186

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' April 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 196 final
Suġġett:	ANNEX tal-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW f'konformità mal-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 196 final.

Mehmuż: COM(2021) 196 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.4.2021
COM(2021) 196 final

ANNEX

ANNEX

tal-...]

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

f'konformità mal-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

ANNEX

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Punti 30 sa 33 jirrikjedu li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ integrata u interoperabbli li tinkludi għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u ta' kejl tar-riskju biex tiġi aċċessata u analizzata d-*data* meħtieġa, bil-ħsieb li tiġi applikata b'mod ġenerali mill-Istati Membri. Barra minn hekk, it-tliet istituzzjonijiet qablu li jikkooperaw b'mod sinċier tul il-proċedura leġiżlattiva relatata mal-atti bażiċi rilevanti biex jiġi żgurat li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020 ikollhom segwitu fir-rigward ta' dan l-element.

Il-Kummissjoni tqis li l-ftehim milħuq mill-koleġislaturi skont l-Artikolu 23(1a) dwar l-użu obligatorju ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u l-ġbir u l-analiżi tad-*data* dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċeventi tal-finanzjament mhuwiex biżżejjed biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u n-Next Generation EU kontra l-frodi u l-irregolaritajiet u biex jiġu żgurati verifiki effiċjenti dwar il-kunflitti ta' interess, l-irregolaritajiet, il-ħruġ tal-finanzjament doppju u l-użu ħażin kriminali tal-fondi. Għalhekk, l-approċċ maqbul mill-koleġislaturi fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema ssensjati ma jirriflettix b'mod xieraq l-ambizzjoni u l-ispirtu mixtieqa tal-Ftehim Interistituzzjonali.